MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1017/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Mhd Nouras Shbika**
**Nada Abdulal**
**Ahmad Aoudeh**
**Najat Odeh**
**Zakar Shubika**
**Mohammad Faiz**
**Mohammed Ahmed Zorob**
**Mahmoud Ahmed Zorob**
**Basel Ahmed Zorob**
**Mohamed Alshakawi**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati **Mhd Nouras Shbika** ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, iben Bashar u Hana, imwieled Damascus, Syria fit-8 ta’ Mejju 1985, residenti fic-Centru Miftuh ta’ Hal Far, u detentur tal-passaport Sirjan bin-numru 002-12-L099954 u numru tal-pulizija 14E-130; u

**Nada Abdulal** ta’ wiehed u erbghin (41) sena, bint Mhd Salah u Mahasen, imwielda Damascus, Syria fl-1 ta’ Ottubru 1973, residenti fic-Centru Miftuh ta’ Hal Far, u detentrici tal-passaport Sirjan bin-numru 003-12-L112131 u numru tal-pulizija 14E-132; u

**Ahmad Aoudeh** ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Faiz u Nada, imwieled Damascus, Syria fil-15 ta’ Mejju 1992, residenti fic-Centru Miftuh ta’ Hal Far, u detentur tal-passaport Sirjan bin-numru 003-12-L070644 u numru tal-pulizija 14E-134; u

**Najat Odeh** ta’ tmintax-il (18) sena, bint Faiz u Nada, imwielda Damascus, Syria fid-9 ta’ Jannar 1996, residenti fic-Centru Miftuh ta’ Hal Far, u detentrici tal-passaport Sirjan bin-numru 003-12-L112095 u numru tal-pulizija 14E-129; u

**Zakar Shubika** ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Bachar u Hanaa, imwieled Damascus, Syria fil-15 ta’ Jannar 1989, residenti fic-Centru Miftuh ta’ Hal Far, u detentur tal-passaport Sirjan bin-numru 002-10-L033894 u numru tal-pulizija 14E-128; u

**Mohammad Faiz** ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Faiz u Nada, imwieled Damascus, Syria fl-1 ta’ Jannar 1990, residenti fic-Centru Miftuh ta’ Hal Far, u detentur tan-numru tal-pulizija 14E-133; u

**Mohammed Ahmed Zorob** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Ahmed u Mouna, imwieled Gaza, Palestina fid-19 ta' April 1996, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal Far, u detentur tan-numru tal-pulizija 14E-184; u

**Mahmoud Ahmed Zorob** ta' ghoxrin (20) sena, iben Ahmed u Mouna, imwieled Gaza, Palestina fid-19 ta' Ottubru 1994, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal Far, u detentur tan-numru tal-pulizija 14E-183; u

**Basel Ahmed Zorob** ta' dsatax-il (19) sena, iben Ahmed u Mouna, imwieled Gaza, Palestina fis-27 ta' Ottubru 1995, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal Far, u detentur tan-numru tal-pulizija 14E-185; u

**Mohamad Alshakawi** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Tahsir u Isma, imwieled Gaza, Palestina fil-21 ta' Lulju 1991, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal Far, u detentur tan-numru tal-pulizija 14E-180 gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

Fit-18 ta' Ottubru 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer u fi bnadi ohra iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'dokumenti jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokumenti Norvegizi li huma kienu jafu li ġew ffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom u cioe` kellhom fil-pussess taghhom dokumenti Norvegizi u dokumenti Taljani foloz (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta)

Ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1d) tal-Liġijiet ta’ Malta)

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkonsidraw l-posizzjoni taghhom;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn id-difiza issottomettiet li piena ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija tkun wahda idonea fic-cirkostanzi, filwaqt li l-Prosekuzzjoni talbet li jekk ikun hemm sentenza sospiza, is-sospensjoni ghandha ghandha tkun fil-massimu taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati kollha ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputati mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u wkoll illi huma lkoll gejjin minn pajjizi

fejn il-gwerra qieghdha tifni lill-istess pajjizi. Madankollu l-imputati jridu jifhmu illi ladarba qeghdin hawn Malta huma jridu jharsu l-ligi, u hu x’inhu l-ghan taghhom ghall-futur, ma jistghux jilhquh billi jiksru l-ligi Maltija. Illi pero` l-Qorti hija tal-opinjoni illi huma ghandhom jibbenefikaw minn terminu ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza tenut kont tac-cirkostanzi msemmija iktar ‘il fuq.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikolu 32 (1) (d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u tikkundanna lil **Mhd Nouras Shbika, Nada Abdulal, Ahmad Aoudeh, Najat Odeh, Zakar Shubika, Mohammad Faiz, Mohammed Ahmed Zorob, Mahmoud Ahmed Zorob, Basel Ahmed Zorob, Mohamad Alshakawi** ghal sentejn (2) prigunerija kull wiehed u wahda minnhom li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal erba’ (4) snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba’ (4) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------